MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Avviz Numru. 334/2009

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Flower Power Limited**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghaxra (10) ta’ Settembru 2009, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett elef, seba mija u tlettax il-euro u sebgha w erbghin euro centesmu (EURO 3713.47) liema somma tirrapprezenta bilanc ta’ prezz dovut mis-socjeta ‘Flower Power Limited’ lis-socjeta attrici ‘n kwantu ghal servizzi rezi lilha mis-socjeta attrici fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2009 u dan in segwitu ta, u skond il-Client Contract Number 1020234 liema kuntratt huwa ffirmat minn rapprezentant tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-tletin (30) ta' Mejju 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mar-rikors promotur u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta 'n subizzjoni.

Rat illi s-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni permezz ta' riferta posittiva tal-Marixxal Mario Mizzi datata dsatax (19) ta' Settembru 2009 a fol. 5 tal-process.

Illi fis-seduta ta' nhar il-Hamis, dsatax (19) ta' Novembru 2009 is-socjeta attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Illi fis-seduta ta' nhar il-Hamis, dsatax (19) ta' Novembru 2009 is-socjeta konvenuta giet imsejjha diversi drabi izda baqghet ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat li t-talba attrici hija gustifikata u li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta attrici timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett elef, seba mija u tlettax il-euro u sebgha w erbghin euro centesmu (EURO 3713.47) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------